# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO (President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 7**

**Rikors numru 1/1991 FDP**

**Kummissarju tal-Artijiet illum Awtorita` tal-Artijiet**

**v.**

**Salvatore Bezzina u permezz ta' dikriet datat 18 ta' April 1997, Anthony, Victor u Angela Balzan, lkoll ahwa Bezzina, assumew l-atti flok Salvature Bezzina illi miet fil-11 ta' Lulju 1994 u Frances Bezzina**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet tad-29 ta' Jannar, 1991, li permezz tieghu nghad:

> "Illi b'ittra ufficjali tal-21 ta' Novembru 1990 l-intimati gew notifikati b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li bicca art f'Haz-Zabbar li tinkludi bini mwaqqa' tal-kejl ta' elfejn

tmin mija u tlieta u sittin metro kwadru li tmiss mix-Xlokk ma' propjeta tal-werrieta ta' Giuseppe Mercieca, mill-Grigal u mill-Majjistral ma' triq pubblika hija mehtiega ghal Skopijiet Pubblici u li l-akkwist taghha ghandu jkun b'xiri assolut.

"Illi l-intimati gew wkoll notifikati b'Avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-art fuq imsemmija huwa ta' hdax-il elf erba mija u hamsin Lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm11450.32,0) kif jidher mir-rapport tal-perit Alfred Briffa A & CE tal-5 ta' Novembru 1990 li kopja tieghu hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

"Illi b'ittra ufficjali tal-10 ta' Dicembru 1990 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offe3rt u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' tmienja u erbghin elf Lira Maltija (Lm48,000).

"Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Artijiet jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)."

2. Rat ir-risposta tal-konvenuti Salvatore Bezzina u Frances Bezzina tat-8 ta' Mejju, 1991, li permezz taghha wiegbu hekk:

"Illi il-kumpens ta' hdax il-elf mija u hamsin lira u tnejn u tletin centesimu (Lm11,450.32) offert mir-rikorrent ghal-esproprjazzjoni tal-bicca art f'Haz-Zabbar li tinkludi bini mwaqqa' tal-kejl ta' elfejn tmin mija u tlieta u sittin metro kwadru li tmiss mix-Xlokk ma' propieta tal-werrieta ta' Giuseppe Mercieca, mill-Grigal u mill-Majjistral ma triq pubblika huwa baxx u ma jistghax jigi accettat.

"Illi l-esponent jidhirlu illi l-kumpens xieraq ghandhu jkun ta' mhux anqas minn tminja u erbghin elf lira (Lm 48,000)."

3. Rat id-decizjoni tal-Bord tas-27 ta' Jannar, 2016, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

"Jilqa t-talbiet tar-rikorrenti u dan billi

> "Jordna lill-intimati kif deskritti fl-avviz jittrasferixxu bhala liberu u frank b'titolu ta' xiri assolut art f'Haz Zabbar li tinkludi bini mwaqqa' tal-kejl ta' elfejn tmien mija u tlieta u sittin metru kwadru (2,863 mk) u li tmiss mix-Xlokk ma' propjeta' tal-werrieta ta' Giuseppe Mercieca, mill-Grigal u mill-Majjistral ma' triq pubblika
>
> "Jordna lill-Kummissarju tal-Artjiet sabiex ihallas kumpens lill-intimati kif deskritti fl-avviz ghal tali trasferiment fis-somma ta' mija u hdax-il elf, tmien mija u erbghin Euro (€111,840), oltre l-imghax lilhom spettanti a tenur ta' l-Artikolu 12 (3) tal-Kap 88 fejn ghandu jigi puntwalizzat illi l-Kummissarju ha pussess ta' l-art in kwistjoni fit-12 ta' Gunju 1985.
>
> "Jahtar lin-Nutar tad-Dipartiment bhala Nutar tar-rikorrenti biex jippubblika l-att fit 27 ta' Mejju 2016 fl-ufficju tar-rikorrenti u
>
> "Jahtar lill Dr Tanya Sammut Catania biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumacja.
>
> "Ir-rikorrenti ghandu jgharraf lill Dr Tanya Sammut Catania tal-hatra taghhom bil-miktub.
>
> "L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont dovut mill-Kummissarju tal-Artijiet u dak hemm stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub bill-intimati Mallia u l-ammont stabbilit mill-Bord."

4. Dak il-Bord iddecieda l-kawza wara li ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Jirrizulta illi fis-7 ta' Gunju 1985, giet pubblikata Dikarazzjoni mill-President ta' Malta datata 29 ta' Mejju 1985 in rigward ta' bicca art f'Haz Zabbar li tinkludi bini mwaqqa' tal-kejl ta' elfejn tmein mija u tlieta u sittin metru kwasu u li tmiss mix-Xlokk ma' propjeta' tal-werrieta ta' Giuseppe Mercieca, mill-Grigal u mill-Majjistral ma' triq pubblika
>
> "Jirrizulta illi fil-21 ta' Novembru 1990 intbghatet Notifika ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta u l-Avviz ta' Ftehim fejn l-intimati gew mgharrfa bil-fuq imsemmija Dikjarazzjoni u illi kien qed jigi lilhom offrut Lm11,450.32.
>
> "Jirrizulta illi permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru 1990, l-intimati iddikjaraw illi ma kienux ser jaccettaw il-kumpens moghti, u dana ghaliex ma kienetx wahda realistika u talbu kumpens ta' Lm48,000.
>
> "Jirrizulta illi l-Periti Joseph Mizzi u Fred H Valentino kienu qed jassistu l-Bord izda, eventwalment, wara ili l-Perit Fred H Valentino ta' parir lill-

partjiet waqt il-mori tal-kawza, l-istess Perit gie rimpjazzat bil-Perit Alan Saliba.

"Jirrizulta illi l-Periti Membri Joseph Mizzi u Alan Saliba ghamlu s-segwenti osservazzjonijiet:

*"Punt 1: L-art fil-kwistjoni tinsab biswit il-ground tal-football u ghandha ghamla rettangolari. Fuqha llum hemm mibni l-klabb tal-futboll. Triq il-Knisja twassal sax-xatt u minnha jidher il-bahar. Fid-data tat-tehid, din l-art kellha faccata fuq Triq il-Knisja u ghalhekk, fit-termini tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88), din l-art tikkwalifika bhala fabrikabbli sa fond ta' 12-il qasba (25.12 metri) mit-triq. L-art in kwistjoni hija fonda 29.5 metri mit-triq u ghalhekk 2,440 metri kwadri minnha qed jigu kkunsidrati bhala fabrikabbli u l-kumplament, 423 metri kwadri, bhala agrikola.*

*Punt 2: Skond Artikolu 27 (1) (b) (i) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88), il-valur tal-art ghandu jkun skont kif ikun fid-data tan-notifika tad-Dikjrazzjoni mill-President, u cioe Novembru 1990.*

*STIMA: L-esponenti Membri Teknici kkunsidraw dan kollu, il-lokalita' u kif ukoll id-disposizzjoniijet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-valur gust li din il-propjeta' kienet iggib fis-suq kieku giet mibjugha bhala libera u franka minn sidha volontarjament f'Novembru 1990, ikkunsidrat bhala parti fabrikabbli u parti agrikola, fl-istat illi kienet meta ttiehdet mill-Awtorita kompetenti fis 7 ta' Gunju 1985, jammonta ghal:*

*Mija u tlieta u tmenin elf, erbgha mija u tlieta u ghoxrin Euro (€183,423), ekwivalenti ghal hamsa u sebghin Euro kull metru kwadru (€75/m.kw) ghall-parti fabrikabbli (2,440 mk) u Euro kull metru kwadru (€1/ m.kw) ghal parti agrikola (423 mk)"*

"Jirrizulta, skond il-verbalijiet varji li saru quddiem dana il-Bord, kif ukoll id-dokumentazzjoni esebita quddiem dana il-Bord, illi l-partijiet ftiehmu dwar valur differenti minn dak stabbilit mill-Periti Teknici, u ossija ftiehmu illi l-art ghandha tigi stmata fil-valur ta' €2,667,598.

"Jirrizulta madankollu, illi ghalkemm kien intlahaq tali ftehim bejn il-partijiet, kuntratt finali bejn il-partijiet baqa qatt ma sar u ghalhekk dana il-Bord kien mitlub illi jghaddi ghas-sentenza minkejja tali ftehim bejn il-partijiet.

"Jirrizulta illi l-intimati jikkontendu illi l-fatt illi kien hemm transazzjoni bejn il-partijiet, dina ghandha tkun sufficjenti ghall-Bord sabiex jikkonferma tali ftehim fid-decizjoni tieghu.

"Il-Bord josserva illi filwaqt, in principju, dan indikat mill-intimati huwa minnu, u di fatti, ftehim bejn il-partijiet waqt il-mori tal-kawza ghandu jitqies bhala ftehim bejn il-partijiet illi fuq qorti tista tghaddi ghas-sentenza, madanakollu, fil-kaz odjern, il-partijiet messhom kienu ukoll a korrent tal-fatt illi dana il-Bord huwa restritt bid-dettam tal-Ligi ossija il-Kap 88 li jaghmilha cara x'inhuma l-limtazzjonijiet ta' dana il-Bord, kif deciz mill-Legislatur inkarigat mill-legislar ghall-pajjiz. Il-Bord, kull ma jista jaghmel, huwa jimplimenta l-legislazzjoni li joghgbu jaghmel, minn zmien ghal zmien, il-Legislatur.

"Hija ferm inkwetanti l-fatt illi l-partijiet donnhom riedu jwasslu lill-dana l-Bord sabiex jimxi kontra d-dettam tal-Ligi, ghall-beneficcju taghhom.

"Jirrizulta, di fatti, illi, a tenur tal-proviso tal-Artikolu 25 tal-Kap 88, introdott permezz ta' Att XVII tas-sena 2004, jigifieri qabel ma intlahaq il-ftehim illi l-intimati qed jitobu li jigi implimentat, u ghalhekk applikabbli ghall-kaz odjern:

> *"kumpens li jiġi determinat mill-Bord skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (e) m'għandux jeċċedi l-ogħla ammont ta' kumpens li jkun ġie propost minn xi waħda mill-partijiet."*

"Jirrizulta illi l-Artikolu 4(2) ta' l-Att XVII ta' l-2004 jikkontjeni disposizzjoni transitorja li tippreskrivi illi:

> *"Il-provvedimenti ta' l-artikoli 25 u 31 kif emendati b'dan l-artikolu japplikaw ghall-proceduri kollha anke dawk dwar art li fuqha hemm Dikjarazzjoni mahruga taht l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza li tkun saret qabel ma jidhol fis-sehh dan l-artikolu."*

"Kif qalet il-Qorti Kostitutzzjonali fil-kawza Il-Kummissarju tal-Artijiet vs Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et (Rik 4/07) deciza fis 6 ta' Settembru 2010,

> *"L-emenda in kwistjoni tippreskrivi li l-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet ma jistax jiffissa ammont ta' kumpens li "jeccedi l-oghla ammont ta' kumpens li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet." Fil-fehma tal-Qorti, din l-emenda sempliciment ikkristalizzat, b'ligi ossia disposizzjoni pozittiva, ir-regola tas-suq liberu, u cioe` li huwa l-bejjiegh li jistabbilixxi l-prezz ghall-bejgh talproprjeta` tieghu. Huwa veru li hawn mhux qieghdin nitkellmu fl-isfond ta' suq ghall-kollox liberu, imma fl-isfond ta' bejgh forzat, cioe` ta' esproprju. Pero` xorta wahda din il-Qorti hi tal-fehma li jaghmel sens u huwa logiku li din ir-regola, li l-bejjiegh jistabbilixxi fl-ewwel lok il-prezz ghal bejgh tal-proprjeta` tieghu, tibqa' l-istess ossia tkun applikata wkoll fil-kaz ta' esproprju.*

"Jirrizulta illi fir-rikors promotur, l-intimati kienu qed iqisu bhala kumpens gust somma <u>ta' mhux anqas minn</u> Lm48,000, ossija €111,840.

"Il-Bord, filwaqt illi jifhem illi l-intimati indikaw li l-kumpens gust kellu jkun "*ta' mhux anqas minn tmienja u erbghin elf Lira (Lm48,000)*" w il-fatt illi l-intimati naqsu milli jindikaw x'inhuwa l-oghla ammont ta' kumpens propost minnhom ma jistax jitqies mill-Bord li tali parametru kif rikjest mill-art 25 ma jesistix. Ghalhekk il-Bord iqis illi l-oghla ammont ta' kumpens miltub kien attwalment ta' Lm48,000, kif del resto indikat fl-Ittra Ufficjali tal-10 ta' Dicembru 1990.

"Jirrizulta illi l-Periti Teknici tal-Bord wasslu ghall-konkluzjoni illi l-art kellha titqies in parti fabrikabbli u in parte agrikola u l-valur taghha kellu jkun ta' €183,423.

"Dana il-Bord ma jara ebda raguni ghalhiex ma ghandhux iqies bhala tieghu l-konkluzjonijet ta' l-abbli Esperti Teknici tal-Bord soggett naturalment ghall-limitazzjonijiet imposti fuqu bil-Ligi kif fuq ahjar spjegat.

"Ikkunsidra

"Il-Bord, ghalhekk, jasal ghas-segwenti konkluzjonijet:

- L-art ghandha titqies, kwantu ghal elfejn erbgha mja u erbghin metru kwadru (2,440 mk), bhala art fabrikabbli (2,440 mk) u kwantu ghal erbgha mija u tlieta u ghoxrin metru kwdru (423 mk), bhala art agrikola.

- Id-data tat-tehid tal-pussess ta' l-art ghandu jitqies illi huwa l-21 ta' Gunju 1985, ossija gimghatejn wara l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata 29 ta' Mejju 1985.

- Il-kumpens xieraq ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art meritu tal-kawza odjerna ghandu jkun ta' mija u hdax-il elf, tmien mija u erbghin Euro (€111,840)

- L-imghax ghandu jiddekorri mit-21 ta' Gunju 1985."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti Bezzina li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti tannulla, thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet tas-27 ta' Jannar, 2016 u tiddeciedi li t-talbiet imressqa mir-rikorrent appellat Kummissarju tal-Artijiet, konformament mat-transazzjoni raggunta bejn l-istess konvenuti appellanti u l-appellat Kummissarju tal-Artijiet, jew fin-nuqqas li tannulla, thassar u tirrevoka d-

decizjoni tal-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet tas-27 ta' Jannar, 2016, u tirriforma l-imsemmija decizjoni billi tiffissa kumpens xieraq wara li tiehu kont ta' dak l-ammont li offra l-Kummissarju tal-Artijiet lill-konvenuti appellanti bhala kumpens u hlas gdid permezz tal-ittra datata l-1 ta' Marzu, 2012, wara l-otteniment mill-istess Kummissarju appellat ta' valutazzjoni indipendenti u tordna l-hlas tal-kumpens hekk iffissat lill-konvenuti appellanti mill-Kummissarju tal-Artijiet. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi u bl-imghaxijiet skont il-ligi kontra r-rikorrent appellat Kummissarju tal-Artijiet.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-Kummissarju tal-Artijiet, li permezz taghha wiegeb li d-decizjoni tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet mhix wahda zbaljata u jisthoqqilha konferma. Bl-ispejjez kontra l-appellanti.

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in kwistjoni waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar, 2020 u rat li d-difensuri tal-partijiet infurmaw lil din il-Qorti li l-appell jista' jibqa' differit ghas-sentenza waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju, 2020.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

9. Illi dan il-kaz jitratta l-esproprju ta' porzjon art f'Haz-Zabbar, tal-kejl ta' 2863 metru kwadru, li kienet tinkludi l-benefikati. Ir-rikorrenti hareg avviz ghall-ftehim fil-21 ta' Novembru, 1990, fejn informa lill-konvenuti li l-kumpens li kien lest joffri ghax-xiri assolut ta' l-imsemmija art, milquta b'Dikjarazzjoni tal-President tad-29 ta' Mejju, 1985, pubblikata permezz ta-Avviz Numru 375 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Gunju, 1985, kien fil-valur ta' Lm11,450.32 (ekwivalenti ghal €26,672.07) skont stima tal-Perit Alfred Briffa.

10. Il-konvenuti m'accettawx il-kumpens offrut lilhom peress li kien ritenut baxx wisq u dehrilhom li l-kumpens xieraq ghandu jkun ta' mhux anqas minn Lm48,000 (ekwivalenti ghal €111,809.92). Kwindi l-Kummissarju tal-Artijiet ressaq ir-rikors opportun sabiex jigi ordnat it-trasferiment tal-art b'titolu ta' xiri assolut u sabiex jigi ffissat il-kumpens gust mill-Bord kompetenti skont il-ligi applikabbli (L-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici -Kap.88 tal-Ligijiet ta' Malta).

11. Fil-mori tal-proceduri, jirrizulta li l-kontendenti fil-kawza kienu qeghdin jiddiskutu dan il-kaz, flimkien ma' numru ta' kazijiet ohra ta' proprjetajiet tal-konvenuti Bezzina, li kienu milquta bi proceduri ta' esproprju, bil-ghan li ssehh transazzjoni. Izda peress li d-difensur tal-Kummissarju tal-Artijiet infurmat lill-Bord li m'huwiex fil-hsieb li jittransigi l-kawza u li l-kawza kellha tibqa' ghaddejja ghall-gudizzju (ara verbal tal-

Bord tal-10 ta' Dicembru, 2014), il-Bord ordna lill-periti membri sabiex jghaddu ghar-rapport.

12. Il-periti membri teknici mahtura mill-Bord wara li qiesu li 2,440 metru kwadru mill-art ghandha tigi kkunsidrata bhala fabbrikabbli u 423 metru kwadru  bhala agrikola u dan skont l-istat li kienet meta ttiehdet mill-awtorita` kompetenti fis-7 ta' Gunju, 1985, u li l-valur tal-art kellu jittiehed skont id-data tan-notifika tad-Dikjarazzjoni tal-President, cioe` f'Novembru, 1990, skont l-Artikolu 27 (1) (b) (i), tal-Kap.88, wasslu ghall-konkluzjoni li l-art kellha valur fis-suq ta' €183,423 ekwivalenti ghal €75 ghal kull metru kwadru ghall-art fabbrikabbli u €1 ghal kull metru kwadru ghal art agrikola.  Minkejja l-mistoqsijiet imressqa in eskussjoni da parti tal-Kummissarju tal-Artijiet, il-periti zammew ferm mar-relazzjoni taghhom.

13. Il-konvenuti ressqu nota quddiem il-Bord li permezz taghha esebew korrispondenza bejn il-partijiet sabiex isostnu li sehhet transazzjoni tal-kawza, ladarba kien hemm offerta mill-Kummissarju li giet accettata da parti taghhom.  Il-Bord wara li ha konjizzjoni kemm tar-rapport tal-periti, kif ukoll tal-korrispondenza esebita in atti, ddecieda l-kaz ai termini tal-Artikolu 25 tal-Kap. 88, fis-sens li l-kumpens m'ghandux jeccedi l-oghla ammont propost minn xi wahda mill-partijiet u ghalhekk adotta l-valur mitlub mill-konvenuti ta' €111,840.

14. Il-konvenuti hassewhom aggravati bl-imsemmija decizjoni u ghalhekk ressqu appell minnha li jissejjes fuq erba' aggravji:

(1) d-decizjoni tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet tippekka serjament mill-fatt li l-Bord ghazel li jiskarta u jinjora t-transazzjoni milhuqa bejn il-kontendenti fil-kawza, meta gialadarba tkun giet konkluza transazzjoni, ma ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta`, impediment jew ostakolu sabiex tinghata decizjoni konformi mat-transazzjoni milhuqa.

(2) fid-decizjoni tal-Bord li japplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 25 tal-Kap. 88 b'mod li llimita l-kumpens ghall-ammont mitlub minnhom originarjament, wassal sabiex gie likwidat ammont inqas minn dak likwidat mill-Bord, meta l-kumpens li kellu jigi llikwidat kellu jkun dak determinat mill-Bord li l-art kienet tiswa. Oltre li d-disposizzjoni tal-Artikolu 25 ma kellux jigi applikat retroattivament kemm peress li ma kienx applikabbli fil-kaz in ezami, kif ukoll peress li l-applikazzjoni retroattiva tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-jedd taghhom ghall-proprjeta` u ghall-smigh xieraq fi zmien ragjonevoli u dan kif protett mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta). Argument iehor imressaq mill-

appellanti huwa l-fatt li l-offerta originali tal-Kummissarju appellat u l-kontro-offerta maghmula mill-appellanti gew superati fil-kors tat-trattativi b'esproprji godda u rilaxx ta' art esproprjata li wasslu ghall-ftehim fl-interess tal-partijiet kollha, sabiex b'hekk issopraveniet sitwazzjoni guridika gdida fejn il-Kummissarju hareg b'offerta gdida ghal kumpens, li kellu jwassal li l-offerta originali tigi rtirata. Ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 25 ma messu qatt gie applikat f'dawn ic-cirkostanzi. Sahansitra l-Kummissarju appellat offra diversi artijiet lill-konvenuti appellanti sabiex jaghmlu tajjeb u jikkumpensaw ghall-valur gdid determinat li l-appellanti m'accettawx ghar-raguni li dawn l-artijiet kienu jinsabu 'l barra miz-zona ta' zvilupp. Apparti li l-Kummissarju appellat baghat ukoll kalkoli ta' imghax mahduma a bazi tal-kumpens gdid offrut minnu.

(3) Il-konvenuti appellanti jilmentaw li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni li ghamel il-Bord jiksru d-drittijiet fundamentali tal-konvenuti ghall-proprjetà u d-dritt ghas-smigh xieraq fi zmien ragonevoli, kif protetti bl-Artikoli 37 (kumpens xieraq) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (smigh xieraq fi zmien ragonevoli) u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (smigh xieraq fi zmien ragonevoli) u fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni (kumpens gust li jirrifletti l-valur tal-proprjeta` in kwistjoni). Jinghad minnhom li l-proporzjonalita`

tehtieg mizura gusta fil-kumpens li jinghata u jsostnu li l-applikazzjoni tal-Artikolu 25 tal-Kap. 88 ma tippermettix lill-Bord jaghti dak il-kumpens li huwa gust u xieraq, imma kumpens ferm inqas mill-valur reali tal-art esproprjata. Fir-rigward tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-applikazzjoni retroattiva tad-disposizzjonijiet wassal ghal ksur tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq, peress li r-regoli tbiddlu ghall-vantagg procedurali tal-Gvern u li kieku l-proceduri gew decizi fi zmien xieraq lanqas kienet tqum l-applikazzjoni retroattiva ta' dawn id-disposizzjonijiet. Ghalhekk f'dan il-kuntest ghandha ssir ordni ta' referenza sabiex il-materja ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali tigi ndirizzata u deciza.

(4) Il-Bord zbalja wkoll meta applika l-emenda fil-ligi tal-Kap. 88 li tipprovdi li ghandu jkun hemm *capping* fir-rigward tal-kumpens rikonoxxut u ordnat mill-Bord, fis-sens li l-kumpens m'ghandux jeccedi l-oghla ammont propost minn xi wahda mill-partijiet. F'dan is-sens jaghmlu referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Frar, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Inez Calleja et v. Kummissarju ta' l-Artijiet et**, fejn gie affermat il-principju li dawk l-emendi fil-Kap.88 li b'xi mod affetwaw id-determinazzjoni u l-kalkolu tal-kumpens kwantu art li dwarha giet istitwita kawza qabel id-dhul fis-sehh tal-istess emendi (dan il-kaz gie introdott fis-sena

1991), ghalhekk qabel l-introduzzjoni tal-*proviso* ghall-Artikolu 25 (1) tal-Kap. 88, m'ghandhomx japplikaw ghall-kaz. Konsegwentement il-Bord ma kellux ihossu suggett ghall-ebda limitazzjoni li fil-mument li giet istitwita l-kawza odjerna ma kinitx tezisti.

15. Trattati l-aggravji, ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti ma taqbilx mal-aggravju tal-konvenuti appellanti meta jikkontendu li l-Bord injora t-transazzjoni li allegatament kienet milhuqa bejn il-kontendenti fil-kawza, dana peress li minn qari tad-decizjoni appellata jirrizulta car li l-Bord ha konjizzjoni tal-korrispondenza li ghaddiet bejn il-kontendenti fil-kawza fil-mori tal-proceduri quddiemu, izda jinghad mill-istess Bord li fin-nuqqas ta' kuntratt finali, kien marbut mad-dettami tal-ligi fil-gudizzju tieghu. Jinhass xieraq li jsiru numru ta' konsiderazzjonijiet ohra fid-dawl tal-aggravju tal-konvenuti appellanti fejn jishqu li dak maqbul u miftiehem bejn il-partijiet kellu jsib ratifika u konferma fid-decizjoni tal-gudikant.

16. Jibda billi jigi osservat li l-ligi tipprovdi tifsira ta' kuntratt ta' transazzjoni permezz tal-Artikolu 1718 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) fejn jinghad li dan huwa:

> *"kuntratt li bih il-partijiet, b`xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghall-kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir".*

Fit-trattat tieghu “**Istituzioni di Diritto Civile**” (pg 851-852), **Trabucchi** jghid li

> *“la transazione infine e` il contratto con il quale le parti pongono fine a una lite gia` cominciata prevengono una lite che sta per sorgere tra loro, facendosi reciproche concessioni …La transazione non puo’ essere provata con testimoni; richiede la prova scritta”*

Huwa pacifiku illi t-transazzjoni hija karatterizzata minn zewg elementi kostituttivi u cioe` ir-*res dubia*, ossia r-rapport guridiku incert illi jezisti bejn il-partijiet, u r-rieda tal-istess partijiet illi jtemmu dak id-dubju billi jinnegozjaw ftehim mibni fuq koncessjonijiet reciproci bil-ghan illi jintlahaq il-*quid medium,* jigifieri l-qbil jew kompromess bejn il-pretensjonijiet illi taw lok ghal-litigju. Dawn iz-zewg elementi distintivi ta’ transazzjoni gew ukoll deskritti hekk: *l-ewwel wiehed hu d-dubju, li minnu jridu johorgu l-partijiet billi jirrizolvuh huma stess minflok ihallu d-decizjoni fuqu ghall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattici jsejhu l-“hinc inde remissum*”, *cjoe il-koncessjoni jew sagrificcju reciproku*.” (**Kollez. Vol. XLIII.I.418**; **Micallef noe v. Vella** – Appell Civili – 8 ta’ Marzu, 1991; **Caruana et v. Gauci** – Appell Civili – 7 ta’ Ottubru, 1997; **Schembri v. Moscalenko** – PA - 9 ta’ Gunju, 2004; u **Cini v. Cini** – Appell Inferjuri – 22 ta’ Marzu, 2006).

17. Ghalkemm minn qari tal-atti jirrizulta li ghaddew numru ta’ negozjati bejn il-partijiet fil-kawza, matul is-sena 2012, fejn il-Kummissarju appellat kien qieghed joffri prezz ben divers minn dak li jirrizulta mill-avviz ghal-ftehim, jirrizulta wkoll li n-negozjati kienu qeghdin jistharrgu mhux biss l-

art suggett ta' din il-kawza, izda diversi artijiet ohra milquta bi proceduri ta' esproprjazzjoni u sahansitra kienet qeghda tigi kkontemplata l-possibbilita` li ssehh tpaccija ma' art ohra li kellu l-Gvern (ara korrispondenza a fol. 172 tal-process). Mir-rikors tal-appell tal-konvenuti appellanti jirrizulta li dan il-ftehim ma kienx konkluz ghar-raguni li l-art in kwistjoni kienet taqa' 'l barra miz-zona ghall-izvilupp u ghalkemm l-appellanti esebew ittra datata 5 ta' Settembru, 2013, fejn kienu qeghdin jinsistu fuq hlas ta' prezz ghall-art in kwistjoni, din giet segwita minn numru ta' seduti fejn il-konvenuti ressqu provi in sostenn tat-trattativi li kienu ghaddejjin bejn il-partijiet. Izda permezz tal-verbal tal-10 ta' Dicembru, 2014, id-difensur tal-Kummissarju appellat infurmat lill-Bord li ma kienx bil-hsieb li jittransigi l-kawza u x-xewqa tieghu kienet li jinghata gudizzju mill-Bord. Kwindi f'dan il-kaz ghalkemm originarjament setghet tirrizulta r-rieda li l-partijiet jirrisolvu l-kwistjoni barra mill-Qorti, izda naqas li dan iwassal ghar-rizultat mahsub f'transazzjoni, anzi l-Kummissarju tal-Artijiet kien esplicitu fil-verbal imsemmi li xtaq li l-Bord jaghti l-gudizzju tieghu.

18. Inoltre` l-artikolu tal-ligi li huwa rilevanti ghall-fini tal-aggravju mressaq mill-konvenuti appellanti huwa l-provvediment tal-Artikolu 1719 tal-Kodici Civili, li fih jinghad hekk:

> *"1719. (1) Jekk il-kawza li ghaliha l-partijiet iridu jaghtu tmiem, jew li jkunu jridu jevitaw, ikollha b'oggett hwejjeg immobli, t-transazzjoni ma tiswiex jekk ma ssirx b'att pubbliku.*

> *"(2) Dan jghodd ukoll meta, sabiex issir it-transazzjoni, tinghata jew titwieghed haga immobbli."*

Dawn il-provvedimenti tal-ligi huma cari, li fejn fit-transazzjoni jkun hemm involuti hwejjeg immobbli, bhal dan il-kaz, jehtieg li t-transazzjoni ssir permezz ta' att pubbliku. Kwindi fin-nuqqas li ssehh it-transazzjoni in kwistjoni permezz ta' att pubbliku, peress li fid-diskussjonijiet kien hemm wara kollox involut t-trasferiment ta' immobbli, dak li l-appellanti jikkontendu li hija transazzjoni, effettivament ma tiswiex bhala tali. Ghalhekk il-Bord kien tabilhaqq obbligat jiddeciedi l-kaz fil-qafas tal-proceduri quddiemu skont il-ligi u mhux skont id-diskussjonijiet li kienu ghaddejjin bejn il-kontendenti fil-kawza. Wara kollox, skont l-Artikolu 1233 tal-Kodici Civili, it-transazzjoni trid issir bil-miktub *ad validitatem*. Isegwi li l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jigi michud.

19. Imiss li jigu ttrattati t-tieni u t-tielet aggravji, dak fejn l-konvenuti appellanti jilmentaw dwar l-applikazzjoni mill-Bord tal-Artikolu 25 tal-Kap. 88. In kwantu l-appellanti joggezzjonaw ghall-applikazzjoni retroattiva tal-imsemmi artikolu, jigi ribadit, kif kellha okkazjoni taghmel din il-Qorti f'diversi kazijiet ohra, li din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti f'dan l-aggravju taghhom, in kwantu l-Bord kien korrett meta applika l-provvediment tal-Artikolu 25(1) tal-Kap. 88, fejn jinghad b'mod car li l-kumpens determinat mill-Bord m'ghandux jeccedi dak mitlub minn xi parti

fil-kawza. Kif gustament rilevat mill-Kummissarju appellat fir-risposta tieghu, din il-materja kienet debitament ikkunsidrata diversi drabi, inkluz fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Dicembru, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Agent Kummissarju tal-Artijiet v. Vica Limited,** fejn gie determinat li dan l-artikolu ghandu japplika wkoll retroattivament meta nghad:

> *"Is-socjeta` Vica Limited ma taqbilx li dan il-proviso, introdott fil-ligi fl-2004, ghandu jigi applikat, pero`, skont l-Artikolu 4 tal-Att relattiv, l-Att XVII tal-2004, dak il-proviso ghandu japplika "ghall-proceduri kollha anke dawk dwar art li fuqha hemm dikjarazzjoni mahruga taht l-Artikolu 3 tal-Ordinanza". **Dan il-provvediment tal-ligi hu car, japplika mhux biss ghal dawk id-dikjarazzjonijiet li jkunu hargu qabel ma dahlet fis-sehh l-emenda ghall-Artikolu 25 tal-Ordinanza u ma sar xejn wara, izda anke ghal dawk id-dikjarazzjonijiet li ghalihom ikunu gia` inbdew proceduri quddiem il-Bord. Il-provvediment transitorju jolqot kull art milquta b'dikjarazzjoni tal-President li tkun harget qabel id-dhul fis-sehh tal-imsemmi proviso, u interpretazzjoni mod iehor jiznatura l-effett tal-istess emenda.***

20. Inoltre` in kwantu l-konvenuti appellanti jilmentaw mill-interpretazzjoni moghtija mill-Bord lill-proviso tal-Artikolu 25 (1) tal-Kap. 88 u l-applikazzjoni retroattiva tieghu, jigi rilevat li dan il-punt gie trattat ukoll fid-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-20 ta' Gunju, 2017, proprju fil-kawza **Vica Limited v. Malta**, fejn inghad hekk:

> *"31. Concerning the lawfulness of the measure, in so far as the applicant company complains about the interpretation given to the relevant proviso by the domestic courts (see paragraph 27 above), the Court reiterates that it is not its function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention (see García Ruiz v. Spain [GC], no. 30544/96, § 28, ECHR 1999-I, and Anheuser-Busch Inc. v. Portugal [GC], no. 73049/01, § 83, ECHR 2007-I). **In the present case, in the absence of any arbitrariness or manifest***

> ***unreasonableness, the Court cannot call into question the interpretation of the domestic courts of the proviso at issue.***
>
> *"32.* ***In relation to the lawfulness requirement, the Court also notes that it has in previous cases acknowledged that laws with retrospective effect which were found to constitute legislative interference still conformed to the lawfulness requirement of Article 1 of Protocol No. 1*** *(see, for example, Azienda Agricola Silverfunghi S.a.s. and Others v. Italy, nos. 48357/07 and 3 others, § 104, 24 June 2014, and Arras and Others v. Italy, no. 17972/07, § 81, 14 February 2012).* ***It finds no reason to find otherwise in the present case.*** *Indeed, in various cases the fact that such an interference was provided for by law as required by Article 1 of Protocol No. 1 was not even disputed by the parties (see for example, Maurice v. France [GC], no. 11810/03, § 81, ECHR 2005-IX; Scordino (no.1) [GC], cited above § 81; National & Provincial Building Society, Leeds Permanent Building Society and Yorkshire Building Society v. the United Kingdom, 23 October 1997, § 79, Reports of Judgments and Decisions 1997-VII, and Agrati and Others v. Italy, nos. 43549/08, 6107/09* and *5087/09, § 76, 7 June 2011)."*
> (enfasi ta' din il-Qorti).

21. Fir-rigward tal-argument li jaghmlu l-appellanti li l-offerta originali tal-Kummissarju appellat u l-kontro-offerta maghmula minnhom fir-risposta taghhom gew superati bit-trattativi fil-mori tal-proceduri, tajjeb li jigi mfakkar li l-esproprju tal-artijiet mill-awtorita` kompetenti hija regolata mil-ligi, kwindi l-uniku mezz sabiex isehh dak li qieghed jinghad mill-appellanti, kien ikun mehtieg li jitwettaq fil-qafas ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali li fiha kien ikun hemm valutazzjoni gdida sabiex il-Bord jiehu konjizzjoni taghha, altrimenti l-Bord kien marbut li jiddeciedi l-kawza skont il-ligi, kif fil-fatt ghamel.

22. Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-kostituzzjonalita` ta' dan il-proviso, din il-Qorti tirrileva li dan il-punt gia` gie trattat u ma nstabx li l-

emenda tivvjola xi dritt fundamentali ta' sid il-proprjeta`. Din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni taghha moghtija fit-28 ta' Marzu, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Neriku Confectionery Ltd v. Direttur tal-Artijiet**, fejn l-istess kwistjoni giet sollevata. Intqal hekk f'dik id-decizjoni:

> *"L-istess socjeta` appellata tissottometti wkoll li l-applikazzjoni ta' dan il-proviso jwassal ghal ksur tad-dritt fundamentali taghha ghal kumpens xieraq. Din il-kwistjoni gia` giet dibattuta u deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Kummissarju tal-Artijiet v. Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et, deciza fis-6 ta' Settembru 2010, fejn sottomissjoni simili giet michuda. Dik il-Qorti qalet hekk fil-kuntest ta' din il-kwistjoni:*
>
> > *""39. A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti taghmilha cara li hija mhux qed tghid li f'kaz ta' tehid ta' proprjeta` il-kumpens xieraq dovut huwa necessarjament f'kull kaz l-ammont shih li s-sid ta' l-art jitlob ghaliha. Dan ghaliex x'jikkostitwixxi kumpens xieraq f'kaz partikolari irid jigi stabbilit tenut kont tal-valur tas-suq tal-proprjeta` b'mod oggettiv, kif ukoll fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jistghu anki f'certi kazijiet jiggustifikaw kumpens inqas mill-valur oggettiv tas-suq*[1]*. Dak li qed tghid din il-Qorti huwa li ladarba fil-kaz odjern is-sidien intimati ddikjaraw il-kumpens li qed jippretendu ghat-tehid ta' l-art taghhom – u l-ligi ma timponi l-ebda limitu fuq l-ammont li setghu jitolbu – huma kienu qieghdin effettivament jiddikjaraw l-ammont li, fl-opinjoni taghhom, kien jikkostitwixxi kumpens xieraq ghall-esproprjazzjoni li soffrew. La darba huma – bl-applikazzjoni ta' l-emenda impunjata – se jircievu dak kollu li talbu, huwa kontrosens li jinghad li se jigi miksur id-dritt taghhom ghall-kumpens xieraq ghax mhux se jinghataw dak li ma talbux!"*
>
> "Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb, u tara li darba s-socjeta` se tircievi l-ammont shih ta' kumpens li hija talbet, ma tarax kif tista' tilmenta li se jigi lez id-dritt taghha ghall-kumpens xieraq, meta se tinghata l-kumpens kollu li hija talbet."

Tirrileva wkoll li dan l-istess ragunament irrizulta fis-sentenza hawn qabel citata ta' **Vica Limited v. Malta** meta nghad hekk:

> *"34. <u>As to the amount of compensation, as stated by domestic case-law under Article 1 of Protocol No. 1 concerning other</u>*

[1] Ara is-sentenzi James and Others v. UK deciza mill-Qorti Ewropea fil-21 ta' Frar 1986 u Lithgow and Others v. UK deciza mill-Qorti Ewropea fit-8 ta' Lulju 1986.

> *claimants (see paragraphs 20-23 above), it cannot be said that the applicants in the present case suffered an excessive and individual burden given that they received the amount of compensation requested by them."*
> (sottolinjar ta' din il-Qorti).

23. Meta din il-Qorti tapplika dawn l-istess principji ghall-kaz in ezami, hawn ukoll, ma jirrizulta li ma hemm xejn censurabbli fid-decizjoni tal-Bord, in kwantu applika l-ligi rilevanti in materja. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenzi recenti ta' din il-Qorti tal-24 ta' Ottubru, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Kummissarju ta' l-Artijiet v. Igino Trapani Galea Feriol pro et noe et** u dik fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Vanna Arrigo et** deciza fid-9 ta' Lulju, 2020). Isegwi li sa fejn fit-tieni u t-tielet aggravji taghhom l-appellanti jattakkaw il-kostituzzjonalita` u l-applikabbilita` retroattiva tal-*proviso* tal-Artikolu 25 tal-Kap. 88, ma jimmeritawx li jintlaqghu u ser jigu michuda.

24. Hekk ukoll in kwantu fl-istess aggravju, l-konvenuti appellanti jilmentaw mill-vjolazzjoni tad-drittijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali taghhom, kemm dawk relattivi mad-dritt ta' proprjeta`, kif ukoll dawk relattivi mad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, mhux ritenut opportun li tali lmenti jigu trattati fil-proceduri in ezami, stante li l-iskop tal-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg huma limitati ghad-determinazzjoni ta' kumpens fil-qafas tal-ligi applikabbli (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta). Certament kemm il-Bord, kif ukoll din il-Qorti m'ghandhomx is-setgha li jirrevedu l-istima maghmula mill-periti teknici a

bazi tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-appellanti f'dan l-aggravju taghhom. Jista' jinghad biss li, ladarba l-kumpens akkordat lill-appellanti huwa wiehed skont il-provvedimenti tal-ligi (u f'dan il-kaz l-appellanti ma jilmentawx li l-kumpens li nghata m'huwiex skont il-provvedimenti tal-Kap. 88), din il-Qorti hija prekluza milli takkorda kumpens ulterjuri li mhux mahsub fil-ligi. Kwindi din il-Qorti ssib li ma tistax tilqa' dan l-argument tal-konvenuti appellanti u lanqas ghandha ssir ordni ta' referenza f'dan l-istadju tal-kawza.

25. Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju, dak fejn il-konvenuti appellanti jilmentaw li l-Bord ma kellux ihossu ristrett li japplika limitazzjoni fil-kumpens li ma kenitx tezisti fil-mument li giet istitwita l-kawza. Fil-verita` dan l-ilment jorbot sewwa sew maz-zewg aggravji precedenti. Ghalkemm l-appellanti jaghmlu referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Frar, 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Inez Calleja et v. Kummissarju ta' l-Artijiet et** in sostenn tal-argument taghhom, tajjeb li jinghad li dik is-sentenza kienet titratta okkupazzjoni ta' art mill-Gvern minghajr ma ttiehdu proceduri ta' esproprju, kif ukoll hrug ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali ta' esproprju fuq art li ma kenitx segwita b'avviz ghall-ftehim li seta' jwassal ghal proceduri quddiem il-Bord, sitwazzjoni ferm differenti mill-kaz in ezami. Minkejja dan, rilevanti f'dan ir-rigward hija s-segwenti silta mill-imsemmija sentenza:

> *"Fil-fehma ta' din il-Qorti l-legislatur ghandu dritt jirregola l-kumpens li jrid jithallas lis-sid li tittehidlu l-art basta li dan jigi kkumpensat b'mod xieraq u skont kif titlob il-ligi minghajr ma dan jigi deprivat mill-ammont li kien ikun intitolat ghalih kieku ma sarux l-emendi fil-ligi.*
>
> *Dment li l-ammont li jithallas is-sid ghall-art li tittehidlu jkun ragjonevoli in relazzjoni ma' dak li ttiehed, m'hemm ebda obbligu li l-Gvern jintrabat ma xi sistema partikolari ta' kumpens jew li ma jintroducix emendi necessarji ghal ligi. Ghalhekk fil-kaz in ezami m'ghandux jigi prezunt li s-sistema li kienet tapplika qabel it-2003 ghandha tibqa' tapplika ghal dejjem nonostante li dahlet l-emenda."* - sottonjar ta' din il-Qorti.

Fil-verita` dan jorbot sewwa sew ma' dak li nghad mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza citata qabel ta' **Vica Limited v. Malta**, u din il-Qorti ma tarax li l-argument tal-konvenuti appellanti jista' jregi, ladarba l-Bord iddecieda li ghandhom jinghataw il-kumpens shih mitlub minnhom fil-mument li gew notifikati bl-avviz ghall-ftehim zgur li ma jistax jinghad li l-kumpens mhux wiehed ragonevoli. Fid-dawl tal-gurisprudenza citata qabel, din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura dwar il-fatt li l-Bord applika l-provvediment tal-ligi li llimita l-kumpens ghall-oghla ammont mitlub mill-konvenuti appellanti, u ghalhekk dan l-aggravju wkoll ma jistax jintlaqa'.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet moghtija, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti Bezzina, billi tichad l-istess u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tas-27 ta' Jannar, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi, fl-intier taghha.

Bl-ispejjez in prim’istanza jibqghu kif deciz mill-Bord, filwaqt li l-konvenuti

Bezzina ghandhom ihallsu l-ispejjez ta’ din l-istanza.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
gr